**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 17 TAL-10 LEĠISLATURA**

**TAL- KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR**

Il-Laqgħa ssejħet għal nhar il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2025, fil-17.30, bl-aġenda segwenti:

| | |
|---|---|
| 17.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 17.2 | Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 16 |
| 17.3 | Punti mill-minuti. |
| 17.4 | Komunikazzjoni mis-Sindku |
| 17.5 | Xogħolijiet li qed iwettqu bħalissa mill-Public Works - Bankini |
| 17.6 | Żvilupp mill-ġdid propost tal-Lido u Ġnien tal-Lukanda Sunny Coast (PA/07802/22 & PA/02713/23, 'Fażi 2 u 3') |
| 17.7 | Attività fil-baħar / *Inflatable water park* għat-tfal u ż-żgħażagħ |
| 17.8 | Aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir ta' skart bieb-bieb |
| 17.9 | Xogħlijiet fi Pjazza Buġibba |
| 17.10 | Żona ħdejn il-klabb tas-sajjieda |
| 17.11 | Stedina għall-belt ta' Oroslavje |
| 17.12 | Titjib fil-*front desk.* |
| 17.13 | Proposta għal attività ta' *Team Building* għall- membri eletti u l-impjegati |
| 17.14 | Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera |
| 17.15 | Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi |
| 17.16 | Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti |
| 17.17 | Aġġornament għal-laqgħa li jmiss |

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs.

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Alexander Aguis | *Kunsillier* | Daryl Connor | *Kunsillier* |
| Rachel Williams | *Kunsilliera* | Alan Bugeja | *Kunsillier* |
| Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* | Mary Borg | *Kunsilliera* |
| Clevion Micallef | *Kunsillier* | | |

## 17.1 Qari ta’ ittri t’apoloġija

Is-Sindku, il-Perit Ċensu Galea, fetaħ il-laqgħa fis-17:30 billi qara ittri t’apoloġija mingħand il-membri li ma setgħux jattendu.

– il- Kunsilliera Sandra Gauci, li kienet barra minn Malta;
– il- Kunsillier Joseph Matthew Attard, minħabba impenn mal-familja; u
– il- Kunsilliera Anne Marie Fenech, minħabba obbligu tax-xogħol.
Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsill li l- Kunsillier Raymond Tabone għandu jiġi skużat, peress li ma rċeviex l-avviż tal-laqgħa minħabba żball fl-indirizz tal-email personali tiegħu. B’riżultat ta’ dan, kien diġà għamel arranġamenti oħra.

## 17.2 Kunsiderazzjoni ta’ minuti – Laqgħa Numru 17

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Il-Kunsilliera Mary Borg ipproponiet, u il-Kunsillier Alexander Agius sekonda. Il-muniti gew għalhekk approvati.

Il-Kunsillier Clevion Micallef irrimarka li, minħabba impenn tax-xogħol, jixtieq jingħata kopja tal-minuti minn qabel sabiex ikun jista’ jaqrahom bil-quddiem.

## 17.3 Punti mill-minuti

Is-Sindku, irreferi għall-minuti preċedenti, spjega li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, li permezz tagħha se jkopru ammont addizzjonali ta’ €4,000 (għal total ta’ €20,000) mill-ispiża stmata ta’ madwar €40,000 relatata mat-trasport għall-Attività fiċ-Ċentru tal-Anzjani Attivi. Is-Sindku żied jgħid li għad hemm lok għal aktar negozjati f'dan ir-rigward.

Is-Sindku semma li, kif diġà ġie diskuss f’laqgħat preċedenti, hemm numru ta’ kwistjonijiet li fuqhom il-Kunsill jixtieq jikseb parir legali. Għal dan il-għan, ġiet skedata laqgħa sabiex dawn il-kwistjonijiet jiġu diskussi mal-avukat fil-ġimgħa li ġejja. Ladarba jinkisbu dawn il-pariri, il-konklużjonijiet se jiġu ppreżentati għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsilliera.

Dwar ix-xogħlijiet fi Triq it-Turisti, is-Sindku informa li jidher li hemm xi problemi bejn ċerti entitajiet involuti, iżda x-xogħlijiet mistennija jkomplu. Huwa enfasizza l-importanza li jittieħed inkunsiderazzjoni x-xogħol li għaddej fi Pjazza Buġibba kif ukoll iċ-ċirkolazzjoni tat-trasport pubbliku, sabiex jiġu evitati inkonvenjenzi lil min juża dan is-servizz u t-traffiku inġenerali. Għaldaqstant, huwa rrimarka li huwa importanti li x-xogħol minn quddiem il-knisja tal-Qawra lejn il-Qawra jitħaffef.

Dwar it-tabelli relatati mad-diċenza pubbliku u l-istorbju, is-Sindku indika li d-disinn diġà huwa lest u hemm il-pjan li jitpoġġew qabel il-laqgħa li jmiss.

Rigward il-każ ta’ Ta’ Fra Ben, is-Sindku reġa’ tenna li jinsab f’kuntatt mal-avukat Dott. John Bonello, sabiex possibilment jinstab ftehim barra mill-Qorti mal-partijiet l-oħra li mingħandhom il-Kunsill Lokali qed jipprova jirkupra l-flus li diġà tħallsu. Jekk ma jintlaħaqx ftehim il-Kunsill ikollu imexxi bil-Qorti.

F'laqgħa preċedenti ġiet diskussa l-possibbiltà li jsir kuntatt mal-kuntrattur preżenti għat-tindif tat-toroq sabiex jintużaw żewġ magni (vacuum cleaners) kbar. Il-magni ġew imħadma, u l-Kunsill Lokali se jkompli jiddiskuti mal-kuntrattur sabiex jesplora l-possibbiltà li dawn il-magni jintużaw b'mod aktar effettiv. Jekk jintlaħaq ftehim, se jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ċari sabiex kulħadd ikun konxju mill-obbligi u r-responsabbiltajiet tiegħu.

Rigward iċ-Ċentru Ċiviku, is-Sindku spjega li d-Diviżjoni tax-Xogħlijiet Pubbliċi se tkun qed tipprepara l-*visuals* u tibda t-tħejjija tad-dokumentazzjoni meħtieġa għall-proċess tal-ippjanar. Ladarba jibda dan il-proċess twil, xorta waħda jkun possibbli li jsiru emendi fejn meħtieġ.

Is-Sindku ddiskuta numru ta' applikazzjonijiet ta' ppjanar, fosthom il-possibbiltà li jsiru rappreżentazzjonijiet uffiċjali dwar PA 865/24 fix-Xemxija, u ta sommarju qasir dwar is-sottomissjonijiet li saru għal PA 03494/25 f'Burmarrad/Wardija. Is-Sindku rrimarka wkoll li, minħabba r-riżorsi meħtieġa – f'termini ta' ħin, flus, kif ukoll dawk umani – mhux dejjem ikun possibbli li jiġu ppreparati sottomissjonijiet dettaljati lill-Awtorità tal-Ippjanar.

Is-Sindku semma wkoll il-ittra li ntbagħtet lil Transport Malta u Infrastructure Malta rigward is-sigurtà tul Dawret San Pawl (magħrufa wkoll bħala l-bypass ta' San Pawl il-Baħar), wara kien hemm qbil bejn lill-Kunsilliera fil-laqgha precedenti. Il-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta wieġeb li se jkun qed jistudja s-sitwazzjoni kif ukoll is-suġġerimenti tal-Kunsill.

Is-Sindku semma wkoll il-korrispondenza li ntbagħtet rigward ix-xogħlijiet fi Pjazza Buġibba. Huwa rrikonoxxa li, għalkemm ma waslitx komunikazzjoni uffiċjali, il-Kunsill kien infurmat b'mod informali li x-xogħlijiet se jkomplu b'ritmu mgħaġġel sabiex l-inkonvenjent jiġi mnaqqas kemm jista' jkun.

## 17.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

Talba mill-M.U.S.E.U.M.:
L-għaqda M.U.S.E.U.M. talbet biex tuża ż-żona ħdejn it-Torri ta' Wignacourt għall-attività "Ġimgħa ta' Tagħlim" bejn it-Tnejn 18 u s-Sibt 23 ta' Awwissu 2025, bejn is-19:30 u d-21:00.
*Il-Kunsill qabel li tingħata l-permess mitlub.*

Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera talli approvaw l-użu ta' l-istess spazju, minkejja *short notice,* it-talba għal attività politika fl-14 ta' Lulju 2025, u li minħabba d-data tal-laqgħa ma kienx ser ikun hemm biżżejjed ħin biex tiġi kordinata l-attività mill-organizzaturi.

Applikazzjoni għal Skema tal-Gvern Lokali:
Il-Kunsill applika għal għajnuna finanzjarja għall-manutenzjoni u t-titjib tas-sistema tad-dawl dekorattiv tul Triq il-Pijunieri (bit-tama li jiġi sostitwit kompletament), kif ukoll għal skemi oħra kif kien miftiehem. Minkejja li jista' ma jkunx eliġibbli, il-Kunsill għamel l-applikazzjoni fid-dawl tan-neċessità urġenti, u li dan kien konsistent mal-ispirtu tal-għajnuna finanzjarja.
*Il-Kunsilliera kollha qablu li dawn l-interventi huma meħtieġa ħafna.*

Sistema ta' Ħlasijiet fil-Kunsill:
Il-Kunsill se jattendi għall-laqgħa speċjali nhar it-Tnejn, 18 ta' Awwissu 2025, dwar l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida ta' ħlasijiet (b'mod partikolari kontijiet ta' dawl u ilma mir-residenti).
*Il-Kunsilliera qablu mal-proposta, li wkoll mistennija ġġib dħul għall-Kunsill.*

Stedina mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL):
L-AKL stiednet lill-Kunsill biex jipparteċipa f'attività tas-sajf nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu 2025 ġewwa Villa Blanche, iż-Żurrieq. Il-Kunsilliera interessati kellhom japplikaw individwalment.

Karnival tas-Sajf:
Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Clevion Micallef biex jingħaqad fl-organizzazzjoni u l-aspetti loġistiċi tal-Karnival tas-Sajf. L-attività se tkun parzjalment iffinanzjata permezz ta' għajnuna finanzjarja miksuba b'suċċess minn fondi tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill ħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet lil Transport Malta, LESA u l-Korp tal-Pulizija. L-offerti miġbura kienu varji f'termini ta' servizz, numru ta' uffiċjali (ftit minnhom ma setgħux jikkonfermaw in-numru eżatt) u operat. Minħabba n-nuqqas ta' riżorsi u l-ħtieġa ta' ċertezza loġistika, l-aħjar offerta kienet meqjusa dik ta' Transport Malta li offrew soluzzjoni kompluta (*one-stop shop*) mingħajr il-ħtieġa ta' xogħol u kontribut ieħor mill-impjegati tal-Kunsill.
*Il-Kunsill approva din l-għażla, u għalhekk ta struzzjoni li Transport Malta tiġi kkonfermata biex tmexxi f'dan l-aspett tal-attività.*

RfQ għal Plumber:
Minħabba numru ta' tiswijiet meħtieġa, il-Kunsill iddiskuta proposta mis-Sindku għall-ħruġ ta' sejħa għal kwotazzjonijiet (RfQ) għal plumber fuq standby għal xogħlijiet ta' emerġenza jew manutenzjoni.
*Il-Kunsill qabel mal-proposta.*

Waiver tad-Depożitu fi Pjazza Buġibba:
Minħabba x-xogħlijiet pendenti fi Pjazza Buġibba, ġie propost mis-Sindku li l-ħlas tad-depożitu għal xogħlijiet f'din iż-żona pedonali jiġi sospiż temporanjament sakemm jitlesta l-proġett. Saret diskussjoni fejn intqal ukoll li, ladarba jitlesta, il-Kunsill għandu jiddiskuti żieda potenzjali tal-ammont tad-depożitu.
Il-Kunsillier Daryl Connor irrimarka li forsi wasal iż-żmien li l-entitajiet jinnotifikaw lir-residenti u lin-negozji b'mod uffiċjali u bil-miktub bosta xhur qabel xogħlijiet infrastrutturali sabiex dawn ikunu jistgħu jippjanaw minn qabel. Is-Sindku irrimarka li meta jistaqsi, l-entitajiet jgħidu li dan isir, iżda żgur jidher li hemm xi nuqqasijiet.
*Il-proposta tal-waiver tad-depożitu saret mill-Kunsilliera Rachel Williams u ġiet sekondata mill-Kunsillier Clevion Micallef. Il-Kunsill approva l-proposta*

Titjib tal-Front Desk (Health and Safety):
Is-Sindku qal li, fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, għandu jsir titjib fil-Front Desk tal-Kunsill sabiex il-post isir aktar komdu u sigur għall-impjegati attwali, kif ukoll biex ikun possibbli li jitqiegħdu moniters u tagħmir aħjar fil-interess tas-saħħa tagħhom u ta' ħaddiema futuri.
*Il-Kunsill qabel mal-proposta*

Is-Sindku żied jgħid li qed jiġi ppjanat attività ta' Team Building bejn il-membri eletti u l-impjegati li ssir wara nofsinhar matul il-ħin tax-xogħol, bħala parti mill-iżvilupp professjonali tal-impjegati.
*Il-Kunsill qabel mal-proposta*

Is-Sindku semma li Project Green jixtieq jiddiskuti r-riġenerazzjoni taż-żona tal-water park. Laqgħa dwar dan ser tiġi organizzata u l-Kunsill se jkun infurmat kif xieraq.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li ADI avviċinat lill-Kunsill sabiex titnieda laqgħa biex jiġu diskussi r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport u ssir ukoll preżentazzjoni. Il-laqgħa se ssir wara nofsinhar, u d-dettalji ser jiġu kkomunikati fil-jiem li ġejjin.

Is-Sindku semma wkoll li se jkollu laqgħa mal-Pulizija rigward każ relatat ma' prattiki mhux xierqa (appuntamenti frawdolenti ta' Bulky Waste li saru fil passat). Ir-rapport sar mill-Kunsill Lokali, u l-Pulizija qed tistaqsi jekk il-Kunsill jixtieqx jipproċedi b'akkużi kriminali. Is-Sindku qal li se jiltaqa' mal-Pulizija u jinforma lill-Kunsill kif xieraq.

## 17.5 Xogħolijiet li qed iwettqu bħalissa mid- Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi - Bankini

Il-Kunsillier Connor staqsa biex jingħata informazzjoni dwar liema toroq jiffurmaw parti mill-ftehim qafas u x'kien il-kriterju użat biex dawn ġew magħżula. Huwa rrefera wkoll għall-kwalità fqira ta' xi xogħlijiet li jkunu saru, u li hemm bżonn iżjed monitoraġġ mill-*Contracts Manager* f'dan ir-rigward. Is-Sindku spjega li l-ftehim mad- Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jmur lura għal qabel din il-leġiżlatura, iżda f'Settembru 2024 kien ta l-opportunità lill-kunsilliera kollha sabiex jipproponu bankini li, fl-opinjoni tagħhom, kellhom bżonn rikostruzzjoni. Is-Sindku rrimarka li ma ġiet sottomessa l-ebda proposta. Wara laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, ġie konkluż li l-ambitu tax-xogħol kien limitat wisq biex jiġbed kuntratturi interessati. Għalhekk, huwa ħa d-deċiżjoni li jimplimenta approċċ ħolistiku minflok wieħed frammentat. Dan ifisser li x-xogħlijiet, proposti li issa jammontaw għal stima ta' €1.8 miljun, se jkopru tul sħiħ tal-bankini minflok sezzjonijiet sporadiċi.

Wara li ntemmu t-tulijiet ta' Triq San Pawl, ix-xogħol issa qed jipproċedi lejn Triq San Publiju. Is-Sindku qara lista ta' toroq li huma mmarkati għall-intervent. Lista tat-toroq ser tiġi mqassma lill-kunsilliera kollha.

Saret diskussjoni.
Is-Sindku informa wkoll li l-Kunsill se jkun qed jikkuntattja lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma rigward il-kostruzzjoni ta' toroq, għalkemm id-diskussjonijiet għadhom ma bdewx. Il-Kunsillier Daryl Connor semma Triq iċ-Ċern, u enfasizza wkoll l-importanza tal-aspett turistiku.

*Għalhekk saret rakkomandazzjoni sabiex l-ilmenti, problemi u suġġerimenti kollha jiġu sottomessi permezz tal-mezzi uffiċjali. Minn naħa tagħhom kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv se jaraw kif l-aħjar jiġu ndaħħlu l-ilmenti u jsir il-follow-up neċessarju u regolari.*

Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill qed ifittex sorsi oħra ta' finanzjament bħal fondi għall-iżvilupp lokali kif ukoll dħul mill-Eco Contribution dovuta fuq bed nights.

*Fl-aħħar, is-Sindku appella lill-kunsilliera kollha biex għall-fażi li jmiss, jissottomettu lista ta' toroq li jixtiequ jaraw imtejba, sabiex ikun possibbli jsir proċess ta' prijoritizzazzjoni skont is-severità tas-sitwazzjoni u t-tul tal-bankini li għandhom jitranġaw.*
Il-Kunsilliera kollha qablu mal-proposta.

**17.6** Żvilupp mill-ġdid propost tal-Lido u Ġnien tal-Lukanda Sunny Coast (PA/07802/22 & PA/02713/23, 'Fażi 2 u 3')
Minħabba n-nuqqas ta' dokumentazzjoni teknika mitluba, il-Kunsill Lokali ma jistax jieħu deċiżjoni infurmata dwar il-proposta għal Suncrest Lido u ser ikollu jivvota kontra. Il-Kunsill diġà talab informazzjoni mingħand il-promoturi u għamel sottomissjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jikkomunika mal-promoturi biex jagħtihom ċans finali biex jibagħtu l-informazzjoni sal-ġimgħa d-dieħla. Jekk dan ma jsirx, is-Sindku ma jkunx f'pożizzjoni jivvota favur il-proposta. Id-dmir tal-Kunsill hu li jħares l-interessi tar-residenti u għalhekk, l-informazzjoni mitluba hija essenzjali biex tittieħed deċiżjoni responsabbli. L-informazzjoni mitluba kienet dwar id-dettalji dwar dak li jeżisti u dak propost, parkeġġi, aċċess mal-kosta. Il Kunsill qabel li jekk tigi din l-informazzjoni, l-kunsilliera jiltaqaw u jiddiskuttu l-informazzjoni. Il-proposta saret mill-Kunsilliera Rachel Williams u ġiet sekondata mill-Kunsillier Alexander Agius.

**17.7 Attività fil-baħar / *Inflatable water park* għat-tfal u ż-żgħażagħ**

Is-Sindku spjega li din l-attività ssir kull sena, u l-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali tikkonsisti biss fit-twaqqif tal-permess u t-tħejjija ta' tifkiriet żgħar għat-tfal li jipparteċipaw. Ġie stabbilit baġit ta' €1000. Ser tiġi stabbilita data u l-promozzjoni ta' din l-attività. Il-proposta saret mill-Kunsillier Alexander Agius u ġiet sekondata mill-Kunsilliera Alexandra Smart Costantino.

**17.8 Aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir ta' skart bieb-bieb**

Is-Sindku spjega li waqt il-laqgħat tal-Kunsill Reġjonali huwa dejjem insista biex jingħata aktar informazzjoni dwar il-ġbir tal-iskart, fid-dawl tal-problemi li kien qed jesperjenza l-Kunsill Lokali u tal-ilmenti kontinwi li qed jintbagħtu lill-kunsillier responsabbli. Il-Kunsillier Chris Vella Petroni staqsa jekk kinux ġew maħruġa *default notices*. Is-Sindku wieġeb li, fil-passat, ġew maħruġa twissijiet u avviżi lill-kuntrattur, iżda d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali wissiet li kull avviż bħal dan għandu jkun ivverifikat u approvat minnha qabel ma jinħareġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta sommarju dwar rapport estensiv li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana ressqet lid-Direttorat tal-Gvern Lokali, li jiddokumenta nuqqasijiet serji persistenti fil-kuntratt tal-ġbir tal-iskart CT2134/2022 mill-kuntrattur. Matul l-ewwel 30 xahar tas-servizz, ġew irrappurtati nuqqasijiet kontrattwali bħan-nuqqas ta' pjan tax-xogħol approvat, użu ta' inqas trakkijiet minn dak li mwiegħed, li qed jirriżulta f'dewmien esaġerat tal-ġabra, assenza ta' GPS attiv fuq il-vetturi, nuqqas ta' struttura ta' Customer Care, u nuqqas ta' kontroll fuq *sub contractors*. Ir-rapport jgħid li minkejja diversi laqgħat, ittri u avviżi uffiċjali, ma sarx il-progress mixtieq. Għalhekk, il-Kunsill Reġjonali qed jirrakkomanda l-applikazzjoni tal-penali skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt, mhux bħala kastig, iżda sabiex jiġu mħarsa l-obbligi legali u l-kwalità tas-servizz lejn ir-residenti. L-eżekuzzjoni tal-kuntratt tkun effettiva biss jekk l-istandards u r-regolamenti jiġu infurzati b'mod konsistenti. Dan ir-rapport ġie mgħoddi lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**17.9 Xogħlijiet fi Pjazza Buġibba**

Wara diskussjoni li kienet diġà bdiet fil-bidu ta' din il-laqgħa, il-Kunsill Lokali qabel mal-eżenzjon dwar sakemm jitlest x-xoghal li ghaddej.
*Il-proposta tal-waiver tad-depożitu saret mill-Kunsilliera Rachel Williams u ġiet sekondata mill-Kunsillier Clevion Micallef. Il-Kunsill approva l-proposta*

**17.10 Zona hdejn il-Klabb tas -sajjieda**

Is-Sindku spjega li b'xi mod saru sinjali u markings fuq it-triq, f'din iż-żona mingħajr ebda approvazzjoni mill-Kunsill Lokali. Wara investigazzjoni li saret minħabba diversi ilmenti mir-residenti, is-Sindku kiteb lil Transport Malta biex dawn is-sinjali jitneħħew jekk kienu saru taħt l-awtorizzazzjoni tagħhom. Inkella, il-Kunsill Lokali kien se jneħħihom hu. Transport Malta kkonfermat li dawn l-interventi ma sarux bil-permess tagħhom. Is-Sindku qal li se jagħti struzzjonijiet sabiex din is-sitwazzjoni tiġi rranġata.

**17.11 Stedina ghall-belt ta' Oroslavje**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-muniċipalità ta' Oroslavje, li magħha l-Kunsill Lokali għandu ftehim ta' Gemellagg (Twinning Agreement) iffirmat f'Frar 2022, stiednet lill-Kunsill biex jipparteċipa f'attività kulturali ta' ġurnata. Iżda peress li għadda żmien twil mill-aħħar attivitajiet bejniethom, is-Sindku osserva li jkun iktar utli jekk minflok ma jsir żjara ta' ġurnata – li ma tiġġustifikax l-ispejjeż relatati – jiġi esplorat il-possibbiltà li jsir laqgħa, jew sensiela ta' laqgħat, matul żjara ta' jumejn jew tlett ijiem, anke jekk forsi din tista tigi pjanata iżjed tard u b'mod aħjar.

Is-sindku saħaq li din tkun opportunità siewja sabiex jiġu esplorati mezzi konkreti biex il-kunsill jinvolvi ruħu iktar fil-ftehim ta' gemellagg u biex jibdew jidhru r-riżultati tiegħu. Il-Kunsill qabel li l-Eżekuttiv Segretarju jikkuntattja lill-muniċipalità ta' Oroslavje biex jesplora din il-possibbiltà, li f'dak il-każ tfisser li delegazzjoni ta' erba' membri mill-Kunsill (tlieta rappreżentanti politiċi – wieħed minn kull partit – flimkien mas-Segretarju) iżuru l-lokalità ta' Oroslavje. *Il-proposta tal-waiver tad-depożitu saret mill-Kunsilliera Rachel Williams u ġiet sekondata mill-Kunsillier Clevion Micallef. Il-Kunsill approva l-proposta*.

**17.12 Titjib tal-Front Desk (Health and Safety):**

Saret diskussjoni dwar kif dan it-titjib jista' jtejjeb is-servizz pubbliku u jħares is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati.
*Il-Kunsill qabel mal-proposta.* Il-Kunsilliera Rachel Williams ipproponiet, u il-Kunsilliera Alexandra Smart Costantino sekondat

**17.13 Proposta ta' Team Building:**

Is-Sindku issuġġerixxa li tigi ppjanat attività ta' Team Building bejn il-membri eletti u l-impjegati li ssir wara nofsinhar matul il-ħin tax-xogħol, bħala parti mill-iżvilupp professjonali tal-impjegati. *Il-Kunsill qabel mal-proposta.* Il-Kunsilliera Rachel Williams ipproponiet, u il-Kunsilliera Alexandra Smart Costantino sekondat

**17.14 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsilliera Sandra Smart Costantino staqsiet jekk hemmx fondi disponibbli mill-Gvern Ċentrali relatati mal-Animal Welfare. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kkuntattja lill-Ministeru kif ukoll lid-Direttorat tal- Animal Welfare, u se jikkomunika r-riżultat fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier Joseph Matthew Attard staqsa dwar l-aħħar żviluppi relatati mat-tender SPB T/09/2019 dwar xogħlijiet kbar fit-toroq. Is-Sindku kien diġà wieġeb f'laqgħa preċedenti li wara dan it-tender, ieħor ġie ppubblikat – SPB T/02/2022 – f'Awwissu 2022 u ġie konkluż f'Settembru 2022. Għal raġunijiet mhux magħrufa għall-Kunsill, it-tender baqa' wieqaf, mingħajr ma ġie evalwat jew aġġudikat, u eventwalment ġie kkanċellat, matul is sena 2024.

Ġie ppubblikat tender ieħor – SPB T/02/2025 – f'April 2025, li bħalissa jinsab fl-istadju tal-evalwazzjoni. Dan qed jiġi evalwat flimkien mat-tender relatat mal-Manager tal-Kuntratti, li wkoll għadu ma ġiex deċiż. Is-Sindku ippropona li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, Bjorn Bonello, jissostitwixxi lis-Sinjura Sghendo fil-Bord tal-Evalwazzjoni.

**17.15 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Ma kienx hemm

**17.16 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata. Il-mozzjoni biex jiġu approvati ġiet proposta mill-Kunsilliera Mary Borg u ssekondata mill-Kunsillier Alan Bugeja.

**17.17 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.10 u aġġornat għal nhar Ħamis 7 ta' Awissu 2025.

| | |
|---|---|
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |
| **Bjorn Bonello** | **Ċensu Galea** |